# Darba kellna fabbrika...

**Karmenu Busuttil**

Spiss jistaqsuni ngħid xi ħaġa dwar il-fabbrika tal-inbid u l-luminata li kellna Ħal Safi. Jistaqsu lili għaliex flimkien maz-ziju Pawlu, jien niġi, issa li qiegħed f'nofs is-sittinijiet tiegħi, wieħed mill-ixjeħ membri tal-familja.

Il-fabbrika tal-inbid u l-luminata waqqfuha Manwel Busuttil (Tal-Ispettur) u Pawlu Busuttil (Il-Fokkli), fl-1936. Għad baqgħalna kaxxi (tal-injam, mhux tal-plastik bħal tal-lum) bl-inizjali *M & P Busuttil*. Għal xi raġuni iż-żewġt ixirka ma damux ma nfirdu u l-azjenda baqgħet titmexxa minn Manwel Busuttil u wliedu.

Ulied Manwel Busuttil li l-aktar kienu nvoluti fit-tmexxija u l-produzzjoni tax-xorb kienu Kelinu u Ċikku (missieri). Iz-ziju Kelinu kien involut l-aktar fil-produzzjoni tal-inbid u missieri fil-luminata u l-ħall.

L-azjenda *Paradise* kienet topera minn tliet lokalitajiet: minn żewġ imħażen fi Triq San Pawl, quddiem l-għassa tal-pulizija, żewġ imħażen oħra fi Triq l-Iskola, (dawn iż-żewġ postijiet, t-tnejn f'Ħal Safi), kif ukoll minn dak li konna nsejħulu "Il-Maħżen", fiż-Żurrieq.



*Il-propjetarju tal-fabbrika: Manwel Busuttil*

Missieri kellu kamra fid-dar tan-nannu Manwel li kien biddel fi speċi ta' laboratorju. Id-dar li qegħdin insemmu hawn hi dik li qiegħda maġenb il-knisja u li darba kienet tal-Kavallieri. Jekk tħares lejn il-faċċata ta' din id-dar, il-kamra li qed nirreferi għaliha kienet dik tax-xellug, fis-sular ta' fuq, b'waħda mit-twieqi tagħha tħares għal ġoz-zuntier tal-knisja u t-tieqa l-oħra għal ġol-pjazza. Din il-kamra *tal-essenza,* kif konna nsejħula, kienet tkun kollha armarji bil-fliexken, vażetti u reċipjenti tal-ħġieġ li kienu jintużaw għal taħlit ta' volumi likwidi kif ukoll xi miżien biex tintiżen l-essenza jew materjal ieħor li jkun inxtara bħala trab jew kristalli.

Fil-vetrini kien hemm ukoll numru ta' kotba. Il-kotba ma kinux kollha dwar il-produzzjoni tal-inbid. Fosthom kien hemm enċiklopedija antika ħafna, ta' xi għaxar volumi, u li naħseb dak iż-żmien kellha diġà xi ħamsin sena, jew aktar. Volumi kbar, kollha illustrazzjonijiet, xejn bil-kulur, naturalment, imma kienet waħda mis-sejbiet il-kbar ta' tfuliti u skuża tajba biex kont infittex li nitla' spiss f'dil-kamra tal-essenza ma missieri.

Mid-dar tan-nanna fejn kienet titħallat, missieri kien jieħu l-essenza lejn il-fabbrika, ftit passi 'l bogħod, f'kamra oħra imsejħa *tal-ġulepp*, fejn kienet titħallat maz-zokkor u/jew zakkarina biex imbagħad tiġi bbotiljata fil-flixken. Mhux qabel, iżda, ma tkun miżjuda mal-gas li x-xarbiet minerali kollha jkollhom - id-diossidu tal-karbonju (*carbon dioxide*). Huma l-mijiet ta' eluf ta' bżieżaq żgħar ta' dal-gas li joħorġu biex jitilgħu 'l fuq kull meta tferra l-luminata fit-tazza, li jagħmluha xarba interessanti. Qabel ma beda jintuża d-diossidu tal-karbonju, jiġifieri ħafna aktar minn mitt sena ilu, (iva, qrajt sewwa!), ix-xarbiet minerali kienu jkunu totalment ċassi, sempliċement ilma bil-kulur tal-frott u ftit kuċċarini zokkor. Imma 'ħajja' fiha, ix-xarba tal-minerali ta' dari, li dal-gass illum tant jagħtiha bl-abbundanza, ma kelliex.

Mid-dar tan-nanna konna nieħdu wkoll lejn il-fabbrika l-kolla biex jitwaħħlu t-tikketti mal-fliexken. It-tikketti kienu jitwaħħlu waħda, waħda bl-idejn (mhux bħal llum) bil-kolla li kienet issajjrilna n-nanna Manann. In-nanna kienet issajjar tgħasida ta' dqiq fl-ilma fuq nar bgħati. Mad-dqiq kienet iżżid ftit melħ biex il-kolla żżomm aktar fit-tul.

L-essenza li konna nġibu għall-luminata kienet dik tad-ditta *Duckworth*. Missieri kien jaħlef biha; ma kienx hemm oħra toqgħod ħdejha. Tavdaha, qatt ma toħorġok ta' mażetta, bħal dik ta' ditti oħra u, fuq kollox, Ingliża. (Għal ġenerazzjoni ta' missieri , jekk oġġett ma kienx ikun Ingliż - karozza, turnavit, rota, bozza - kien ikun b'xi mod nieqes minn xi ħaġa essenzjali, jew serjament difettuż!)

Ġieli ġew xi aġenti tal-essenzi biex ibigħulna tagħhom. Ftit irħas, forsi l-kulur tal-prodott tagħhom kien ikun ftit aktar 'ħaj', imma daqs ta' *Duckworth* qatt ma sibna oħra li setgħet toħroġna ta' nies dejjem. Ir-rivali tagħna kellhom jitgħallmuha din a' spejjes tagħhom, għaliex min jaf kemm-il darba kellhom jarmu l-luminata li jkunu pproduċew wara ftit gimgħat. Dan għaliex il-luminata tagħhom kienet tiqras, tibdel il-fwieħa ta' frott frisk, u anke l-kulur. Kienu mbagħad jitolbuna nbiegħulhom il-luminata tagħna biex ikollhom x'jagħtu lil klijenti tagħhom, taparsi għaliex kienu jkunu waqgħu lura fix-xogħol. L-irġulija kienet titlob li aħna, das-sigriet tagħhom, konna nżommuh tajjeb, għalina biss.

Missieri kien iħallat kollox bil-kejl. Jimxi b'kemm jista' preċiżjoni mal-istruzzjonijiet li kienet tistabilixxi d-ditta *Duckworth*. Meta għal xi raġuni ma kienx iħallat l-essenza hu, imma kien jinkariga ruħu ż-żiju Kelinu, in-nies kienu jindunaw. Kienu jgħidulna l-klijenti, "Din Kelinu ħallatha".



Ritratt fejn jidher is-Sur Pawl, l-enologu tad-ditta *Paradise*

L-enologu, (l-espert tal-produzzjoni u x-xjenza tal-inbid), li kien għallem lid-ditta tal-*Paradise* is-sengħa tal-inbid, kien is-sur Pawl. Das-sinjur kien għalhekk persuna importanti ħafna għall-azjenda. Fir-ritratt li qegħdin inġibu hawn jidher fuq in-naħa tal-lemin, bħala wieħed mix-xhieda. M'għandna l-ebda ritratt ieħor, fil-kollezzjoni tagħna, fejn das-Sur Pawl jidher.

Ix-xhud l-ieħor mhux direttament involut fl-azjenda, iżda missieru kien. Spiru Callus kien il-bniedem li kellu l-inkarigu li jżomm il-kundizzjoni tajba tal-btieti tal-injam fejn l-inbid kien jinħażen u jkompli jimmatura biex wara seta' jkun lest għall-ibbotiljar fil-flixken. Lil Spiru niftakruh raġel imdaħħal fiż-żmien jgħid ir-rużarju l-knisja filgħaxijiet, bin-nies ikomplu warajh b'ċertu tkarkira u b'ton raħli, fi knisja mudlama mimlija b'riħa ta' xemgħa qed tintefa', in-naħa tas-Sagrament. Imma ma kienx jaħdem fil-fabbrika tal-inbid.

Dawk li kienu tfal fl-1936, (illum ftit baqa' minnhom), ġieli semmewli l-eċitament li kien ikollhom meta kienu jassistu għall-wasla tal-makkinarju biex jiġi stallat fil-fabbrika. Meta l-kelma kienet tiġri li kienu waslu l-makni, it-tfal kienu jinġabru biex jarawhom jinħattu minn fuq it-trakkijiejt, jinħarġu bċejjeċ mill-kaxxi u jibdew jintramaw. Ma tistax timmaġina avveniment aktar ta' interess bħal xi ħaġa hekk għat-tfal subien f'raħal fejn xejn straordinarju ma kien jiġri. (U f'Ħal Safi, xejn straordinarju ma jsir, anke llum. Għalhekk huwa raħal li jinġibdu lejh bosta li jżuruh. Nadif kemm tridu imma nieqes kompletament mill-ġenn li ħakem irħula u bliet oħra. Wieħed jispera li hekk jibqa', għal bosta snin oħra - raħal li fih xejn straordinarju ma jseħħ.)



Tfal subien, daharhom mal-palazz ta' Gollcher, jiġifieri eżattament quddiem il-fabbrika li dwarha qegħdin niktbu. Kull meta dan ir-ritratt jiġi f'idejja xi ħaġa tgħidli li ħadulhom xi ħadd fi żmien meta l-makkinarju tal-fabbrika ma kienx ilu snin twal li ntrama biex jibda jaħdem. Numru minnhom, dawn is-subien, sabu l-ewwel xogħol tagħhom hemm, fil-fabbrika li Ħal Safi darba kellu.

Mas-Sur Pawl kien hemm nies oħra nvoluti fil-produzzjoni tax-xorb li l-azjenda *Paradise* kienet timpjega magħha u li kienu jiġu minn barra r-raħal. Insemmi tnejn oħra.

Salvu tal-Ħamrun, jew Salvu tal-Makni, kif konna wkoll insejħulu, kien l-enġinier tal-fabbrika. Bin-nuċċali dejjem se jaqagħlu minn fuq il-ponta ta' mnieħru, fejn kellu ħabta jżommu, lil Salvu kont taraħ sikwit ġej Ħal Safi biex isolvi l-problemi li minn żmien għal żmien kienu jinqalgħu. Daqqa fil-makni tal-ħasil tal-fliexken, kultant tal-mili tal-luminata u l-inbid.

In-nanna Manann kienet tieħu ħsieb li Salvu ma jiffjakkax. U sakemm kien isir ħin l-ikel, kienet tibgħatna spiss matul il-ġurnata bil-qagħaq u l-kafè iswed ħdejħ. Mid-dehra dan Salvu ma kienx jorbot l-iskorfini jew iħoll il-boldijiet tajjeb, mingħajr il- kafè iswed tiegħu. Mhux l-ewwel darba li rajnieħ itella' n-nuċċali mill-iskutella tal-kafè li fiha kien ikun waqagħlu ftit qabel.

Meta beda ġej il-makkinarju aktar modern, Salvu ma kienx baqa' daqshekk kunfidenti miegħu. Ġieli deher li kellu diffikultajiet biex isolvi l-problemi li qabel kien jikolhom bil-ħobż. Beda jdum biex isewwi l-ħsarat. U dan ħafna qabel mal-makkinarju kellu invażjoni fih ta' elementi elettroniċi, bħalma nsibu llum. Beda jsir kull ma jmur aktar ċar għalina li meta beda dieħel fiż-żmien, Salvu tal-Makni, li tant konna naħilfu bih fis-snin ta' qabel, żmienu kien bħal donnu għadda.

Persunaġġ ieħor li kien ikun hemm il-fabbrika kien ċertu Rafel Raġġi mill-Gżira. Għall-ewwel snin Rafel



It-torkju. Jidhru fir-ritratt, mix-xellug, Kieli ta' Grezz, Ġanni Busuttil (ħu missieri), id-dirgħajn taz-ziju Kelinu, li ma tista' titfixkilhom ma' ta' ħadd ieħor, u raġel mis-Siġġiewi, wieħed mill-bejjiegħa tal-għeneb, ma' neputieh.

kien iżomm il-kotba tal-azjenda fis-sular ta' fuq fid-dar tan-nannu, mhux fil-fabbrika nnifisha. Kien jikteb kollox, il-ħruġ u d-dħul, f'reġistri kbar li kienu rrigati b'linji dojoq ikkuluriti ħomor, ħodor u blu.

Aktar tard l-uffiċju ta' Rafel ma baqax għand in-nanna iżda mar f'rokna mdaqqsa fil-fabbrika stess. Ir-rokna kienet maqtugħa mill-kumplament tal-fabbrika b'rixtellu magħmul minn balavostri rqaq tal-injam, li fih kien hemm speċi ta' bieb.

Lil Rafel ukoll konna neħdulu l-kafè u t-tè bil-biskuttelli u l-qagħaq mingħand in-nanna. Numru ta' reġistri li sittin sena ilu konna narawh jikteb fihom, għadhom jeżistu. Irqajjaq, bil-kappell griż f'rasu, ta' ftit kliem, serju dejjem u pulit dejjem, hekk kien Rafel.

Forsi l-aktar avveniment mistenni li kien ikollna kull sena, kien l-għasir tal-għeneb. Dan kien isir għal aħħar ta'Awwissu u l-bidu ta' Settembru. Konna ngħasru l-għeneb Ħal Safi fil-fabbrika ta' Triq San Pawl, f'wieħed mill-imħażen ta' Triq l-Iskola, Ħal Safi, kif ukoll iż-Żurrieq. Bosta li kienu jaraw it-trakkijiet mgħobbija bil-kaxxi u l-mezez tal-għeneb, ġejjin bil-mod lejn il-fabbrika, kienu bħalna jintlaqtu mill-entużjażmu ta' dak l-avveniment. Għalhekk numru ġmielu ta' nies kienu jħossu li kellhom isibu triqithom lejn il-fabbrika biex jassistu għal din il-biċċa xogħol annwali. L-għeneb kien jinxtara mill-għelieqi tas-Siġġiewi, l-Imġarr, iż-Żurrieq, Ħal Safi stess u mkejjen oħra tal-qrib. Meta ma kienx ikun hawn għeneb biżżejjed f'Malta, ġieli xtrajna wkoll għeneb minn Sqallija.

Għal ġranet sħaħ wieħed kien jista' jassisti għall-wasla tat-trakkijiet ġejjin bl-għeneb. Trakk wara l-ieħor kien jidħol biex il-kaxxi u l-qfief jew mezez ta' fuqu jinħattu biex l-għeneb tagħhom jintefa' ġot-torkju. It-torkju kien, (għadu għandna), huwa apparat tal-ħadid fondut, għamla ta' sottomarin żgħir, twil xi żewġ metri u nofs. Fuq il-parti ta' fuq tiegħu, it-torkju għandu bħal lembut kbir (delu) li jservi biex jirċievi l-għeneb meta jiġi biex jingħasar. Fil-ġnub tiegħu t-torkju għandu twieqi tondi bil-ħġieġ oħxon biex dak li jkun ikun jista' josserva l-għeneb jingħasar.

L-għeneb kien jintefa' fit-torkju mezza, mezza, kaxxa, kaxxa matul il-ġurnata kollha fi żmien l-għasir. Bosta drabi l-għasir kien jibqa' sejjer sa tard bil-lejl biex l-għeneb kien jingħasar kemm jista' jkun malajr wara li jkun inqata' mid-dwieli. Kemm jista' jkun ma kienx jitħalla għall-għada.

Fil-qalba tiegħu, ġewwa, minn tulu, t-torkju għandu ġo fih bħal trabixù kbir li jdur bilmod. Id-dawrien tiegħu iġiegħel l-għenieqed tal-għeneb jintrassu ma' xulxin u b'hekk il-meraq tagħhom joħroġ. Dan il-meraq kien jinġabar fi speċi ta' ħawt taħt it-torkju stess minn fejn imbagħad kien jiġi ppumpjat għal ġo ġwiebi kbar. Wara iż-żewġt imħażen li hemm fi Triq l-Iskola (Ħal Safi), li wieħed minnhom illum iservi bħala ħanut tal-minerali u spirti, hemm ħamsa minn dawn il-ġwiebi.

Biex il-batterji, li huma dejjem preżenti fl-arja, ma jattakkax u jibdlu f'ħall, il-meraq tal-għeneb ikun irid jiġi ttrattat minnufih, appena jiġi estratt mill-għenba, bid-diossidu tal-kubrit (*sulfur dioxide*). Wara ġimgħat jiffermenta, imbagħad, kien jerġa' jiġi mtella' għal ġo btieti kbar, daqs kamra, biex wara li jkun iffermenta għal kollox, kien jitħalla joqgħod biex is-sediment tiegħu jinżel fil-qiegħ u l-inbid jiċċara. Il-meraq tal-għeneb magħsur jiffermenta bl-enżimi li joħorġu miċ-ċelloli tal-ħmira.

Waqt il-fermentazzjoni dawn l-enżimi jibdlu z-zokkor tal-għenba f'alkoħol. Iċ-ċelloli tal-ħmira jkunu diġà preżenti fuq il-qoxra tal-għenba. Kienet tiġi wkoll miżjuda ħmira mkabbra apposta, li kienet tinxtara, biex tgħin il-fermentazzjoni. Meta l-fermentazzjoni tal-estratt tal-għeneb tkun għaddejja kont tisma' t-tbaqbib ta' dal-'miraklu' naturali li jdum sejjer għal ġranet sħaħ. L-inbid ikun irid ukoll minn żmien għal żmien jitqalleb. Dan kien isir billi jintbgħat minn post għal ieħor, jiġifieri jiġi ppumpjat minn bettija kbira għall-oħra, biex b'hekk iħalli warajh l-aħħar traċċi ta' sediment.

Qebel l-ibbottiljar kien isir eżami tal-gradi. Dan kien juri l-inbid kemm kien ikollu persentaġġ ta' alkoħol fih. Meta mbagħad kien jiġi biex jimtela' fil-flixken, l-inbid kien irid qabel jgħaddi minn numru ta' filtri. Il-flixken kienu jitwaħħlulhom it-tikketti, bl-idejn dejjem dak iż-żmien, impoġġijin dritti kemm jista' jkun. Wara li l-kaxxi kienu jkunu mtlew bil-fliexken, kienu jiġu stivati mal-ħitan 'l fuq, kważi sas-saqaf.

Kien hemm żmien meta konna ngħasru l-għeneb iż-Żurrieq f'dak li aħna konna nsejħulu 'il-Maħżen'. Dan qiegħed fit-triq 'Ta' Fuq', iż-Żurrieq. Bqajna nsejħulu l-Maħżen għaliex kien għal snin twal, minn qabel il-bidu tas-seklu għoxrin, il-maħżen ta' Kelin. Kelin, li kien joqgħod fid-dar tal-Kavallieri li semmejniha kemm-il darba f'dan l-artiklu, kien negozjant tal-prodotti tal-ikel u kien jissuplixxi mhux biss lill-ħwienet ta' Ħal Safi, iżda wkoll lil ħwienet tal-irħula fil-qrib. Kelin kien iz-ziju ta' Manwel Busuttil, ħu missieru. Il-Maħżen inbiegħ xi snin ilu u llum jissejjaħ palazzin minflok; imma għalina jibqa' dejjem Il-Maħżen taż-Żurrieq.

L-għasir tal-għeneb fiż-Żurrieq ma kien faċli xejn. Għalija żgur li le. Meta kienu jindunaw li ġej l-għeneb għand 'Ta' Kelin', għaliex hekk baqgħu jsejħulna ż-Żrieraq, it-triq kienet timtela' bit-tfal u l-ġuvnotti. Kienu jiġu mix-Xarolla kollha. Kienu jixxabtu mat-trakkijiet u jisirqu l-għeneb il-ħin kollu. Iz-ziju Kelinu (ħu missieri), kien joħroġ għalihom. Kien jagħtini biċċa njama biex "infaqqalhom". Imma ma kontx issib tarf tagħhom. Kif kont tista', bi qtajja ta' tfal u ġuvintur telgħin, jixxabtu mal-ġnub tat-trakkijjiet il-ħin kollu? Kienu jaqbduli l-injama biex iġebbduni għal isfel. Kienet tkun esperjenza tal-waħx. Aktar minn xadini jwerżqu u jgħajtu kienu tosti u ħallelin, it-tfal Żrieraq. Ħal Safi ma kienx ikollna esperjenzi hekk. Kien ikollok dak il-ġuvnott li jeħodlok fergħa għeneb jew tnejn, forsi biex jeħodha lil ommu. Imma xejn minn dak il-brigandinaġġ li



Ritratt tal-1951

kien ikollna nassistu għalih meta l-għasir kien isir iż-Żurrieq.

Fil-Maħżen taż-Żurrieq ma kellniex ġwiebi taħt l-art bħalma kellna Ħal Safi fejn naħżnu l-estratt tal-għeneb magħsur. Għal dan il-għan kellna btieti kbar ħafna, dawk ta' daqs kamra; tant kbar, li biex naħsluhom wieħed kien ikollu jidħol ġo fihom minn *manhole* li kellhom apposta. Din ma kinitx fiż-żaqq tal-bettija iżda f'wieħed mill-uċuħ. Minn dan it-tip ta' btieti kellna wkoll Ħal Safi.

Wara li naħsluhom sew bid-deterġent u nlaħalħuhom bl-ilma ċar, kemm-il darba, konna niffumigawhom bil-kubrita. Il-fumigazzjoni bil-kubrit jaqbad fil-btieti kien isir biex wieħed iserraħ moħħu li l-batterji li jattakka l-alkoħol tal-inbid u tibdlu f'ħall, imwaħħla mal-injam tal-btiti minn ġewwa, ikun meqrud.

Kienet tinżamm indafa stretta biex niskansaw l-orrur li l-inbid seta' jsirilna ħall.

Liz-ziju Kelinu ma stajt qatt tidħollu b'xi biċċa ħobż biż-żejt u l-perżut f'idek, jew, agħar minn hekk, b'xi galletta bil-ġobon, (li minnu kien jibża'), fil-postijiet fejn il-fermentazzjoni kienet tkun għaddejja. Ma kontx teħlisha minnu; kien jaħtfek waħda sew bil-mod goff tiegħu. Imma bir-raġun. Kien jibża' ħafna li l-inbid, wara dak ix-xogħol, spejjeż u attenzjoni kollha, seta' jiġi kkontaminat u jiddeġenera f'ħall fi ftit ġranet.

**Fil-bidu ta' dan l-artiklu jissemmew l-ixjeħ żewġ membri ħajjin tal-familja li 80 sena ilu tat lil Ħal Safi l-unika fabbrika li kellu. Fir-ritratt dawn it-talin jidhru flimkien, 64 sena ilu: il-kittieb tal-artiklu, fuq il-baqra, u zijuh Pawlu jara li jżommu kif jista' biex ma jaqax minn fuqha.**

Ma nafx dar-ritratt kellux jidher. Iżda fl-aħħar ħallejtu, f'ġieħ il-ħeġġa nostalġika għal dak kollu li għandu x'jaqsam ma' Ħal Safi ta' żmien ieħor, li ħafna li jaqraw dawn l-artikli naf li għandhom.

(ikompli ħarġa oħra)

J.Cassar ALUMINIUM

(Johnny ta' Ħal Luqa)

New Aluminium System

113A, Industrial Estate, Luqa, Malta

Tel: 2122 8896 / Mob: 9942 6356

28 years Experience

J. Cassar Aluminium provides the best Aluminium Works, with a higher standard in quality, latest aperture system & guaranteed aluminium profiles. We provide all types of nets including roller as well as aluminum repairs. All this at a very reasonable price.

*A 15% discount will be given on all Aluminium Works all year round!*





